MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 145/2009

Susan Mercieca (Id. 413865M)

Vs

Mario Mercieca.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qed titlob illi l-intimat jigi kundannat ihallas l-ammont ta' elfejn u ghoxrin Ewro (€2020) rapprezentanti manteniment dovut ghax-xhur ta' Dicembru 2007 sa April 2008, kif ukoll parti mill-manteniment dovut fir-rigward tax-xhur ta' Ottubru 2008 u Novembru 2008 u dana skond kuntratt ta' separazzjoni datat 18 ta' Lulju 2007 in atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi, ai termini ta' liema, l-intimat huwa obbligat jivversa favur il-mara l-hlas fl-ammont ta' €81.53 fil-gimgha bil-quddiem bhala manteniment ghaz-zewgt itfal tal-kontendenti Justine u Luke. Bl-ispejjes u bl-imghax legali minn meta l-hlas gie dovut sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota pprezentata mill-attrici li permezz taghha hija rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' elf, seba mija u hamsin Ewro (€1750).

Ra l-verbal tad-29 ta' April 2009 fejn il-konvenut ammetta t-talba kif dedotta kontra tieghu wara li giet ridotta ghall-ammont ta' elf, seba mija u hamsin Ewro (€1750.00).

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa t-talba attrici kif ridotta, u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, seba mija u hamsin Ewro (€1750.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------